# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 8 t'April 2024**

**Rikors numru 272/2021**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**
**vs.**
**Multi Brand Gaming Limited (C 66946)**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2021, permezz ta' liema talab hekk:

   i) Għaldaqstant, l-esponent skond il-poteri lilu mogħtija ai termini tad-Direttiva tal-Kunsill numru 2020/24/UE, hawn fuq imsemmija jitlob bir-rispett din il-qorti jogħġobha, fl-ewwel lok, tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness ma' dan ir-rikors, bħala kopja uffiċjali tagħha, għax b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv, u fit-tieni lok, tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokument miegħu anness jiġu notifikati lis-soċjetà intimata, skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att ġudizzjarju.

2. Rat li l-atti tar-rikors promotur, digriet u dokumenti ġew notifikati fl-indirizz reġistrat tal-kumpanija intimata fl-4 ta' Mejju 2021 kif jidher a tergo ta' fol 7.

3. Rat ukoll li l-avviż tas-smigħ tal-kawża ġie notifikat bil-mezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni fuq ordni ta' din il-Qorti diversament presjeduta kif jidher mill-verbal a fol 14 riferibbilment fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2022. Jidher li din l-ordni ingħatat minn din il-Qorti diversament presjeduta wara li qieset li fil-mument meta ġew notifikati r-rikors, digriet u dokumenti l-indirizz reġistrat tas-soċjeta intimata kien dak debitament indikat fir-rikors promotur; daqs kemm kien għadu l-istess indirizz fil-jum meta ingħata dak l-istess digriet għal pubblikazzjoni u affissjoni tal-avviż tas-smiegħ tal-kawża. Fil-fatt jirriżulta li l-informazzjoni fornuta minn Camilleri Galea Limited li kienet toffri servizzi ta' registered address lis-soċjeta intimata i kienet bi ħsiebha twaqqaf dak il-kunsens tagħha seħħet **wara** li kienu ġew diġa debitament notifikati bir-rikors, digriet u dokumenti fl-indirizz tagħhom li kien ukoll l-indirizz reġistrat tas-soċjeta intimata u wara li ingħata dak id-digriet.

4. Fil-fatt kemm id-dokument CC1 a fol 16 iffirmat minn Kenneth Balzan għal Camilleri Galea Limited li nforma lil Kummissarju tat-Taxxi li Multi Brand Gaming Limited ma kienux qegħdin iwieġbu għall-korrispondenza tagħhom kif ukoll li kienu fil-proċess li jirtiraw il-kunsens tagħhom biex is-soċjeta intimata ma tibqax tidher reġistrata fl-indirizz tagħhom; kif ukoll ir-referta a tergo ta' fol 19, nonche n-nota a fol 34 tal-atti jirriżulta li seħħew wara li n-notifika tar-rikors, dokumenti u d-digriet kienet diġa saret fi żmien qabel ma dawn kienu irtiraw il-kunsens tagħhom biex is-soċjeta intimata tuża l-uffiċju tagħhom bħala l-uffiċju reġistrat tagħha b'ittra datata 8 ta' Novembru 2022 li apparentement ġiet riċevuta fir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-10 ta' Novembru 2022.

5. Fil-frattemp ġara però li l-Avukat Ian Vella Galea matul is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2023 eżebixxa fl-atti estratt mir-reġistru tal-Malta Business Registry skont kif kien fit-12 t'Ottubru 2023 fil-16:57 mnejn jirriżulta li l-indirizz reġistrat tas-soċjeta intimata kien għadu jidher li kien dak indikat fir-rikors promotur.

6. Rat li is-soċjetà intimata baqgħet ma ppreżentat ebda risposta, u għalhekk baqgħet kontumaċi.

7. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

8. Rat li fil-verbal tal-1 ta' Frar 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li ingħalqu l-provi tar-rikorrent, il-qorti rat li s-socjeta intimata baqgħet kontumaċi.

## B. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

9. Permezz ta' din il-proċedura qed issir talba għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar assistenza reċiproka fl-Unjoni Ewropea għall-irkupru ta' talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi u miżuri oħra.

10. Din id-direttiva ġiet implimentata fil-liġi ta' Malta permezz tal-Avviż Legali 153 tal-2012 (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.08). Is-subartikoli (1), (2), (5) sa (8) tal-artikolu 9 tal-avviż legali jipprovdu:

> (1) Talba minn awtorità applikanti lil awtorità rikjesta għall-irkupru ta' talba li hija soġġetta għal strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikant, flimkien ma' l-instrument uniformi li jippermetti l-infurzar, għandha ssir fuq il-formoli standard previsti taħt ir-raba' u l-ħames skeda rispettivament.
>
> (2) It-talba għall-irkupru tista' tkun akkumpanjata minn dokumenti oħra li għandhom x'jaqsmu mat-talba maħruġa fl-Istat Membru applikant.
>
> (5) L-awtorità rikjesta meta tirċievi l-istrument li jippermetti l-infurzar, tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha, kif ikun il-każ, permezz ta' rikors, biex tordna r-reġistrazzjoni tal-imsemmi dokument, u biex tiddikjara li r-rekwiżiti relevanti tad-direttiva jkunu ġew imħarsa. It-talba għandha tiġi speċifikata fil-munita Maltija.
>
> (6) Il-qorti għandha tordna li kopja ta' l-imsemmi rikors u tad-dokument għandhom jiġu notifikati lid-debitur u lil kull parti oħra indikata fir-rikors.
>
> (7) Il-qorti għandha tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument in kwistjoni, u d-dokument għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.
>
> (8) Ir-Reġistratur tal-Qrati għandu jżomm rekord, u kopja ta' rikorsi kollha li għalihom japplika dan l-artikolu. Huwa għandu minnufih jinforma lill-awtorità rikjesta kull meta ssir notifika ta' dak ir-rikors u kull meta tiġi identifikata jew tinqala' diffikulta in konnessjoni ma' l-eżekuzzjoni ta' xi notifika bhal din.

**Ikkunsidrat**

11. Rat li ġiet esebita Uniform Instrument Permitting Enforcement of Claims Covered by Council Directive 2010/24/UE (iżjed l-isfel magħrufa bħala "UIPE") maħruġa mill-Ġermanja bħala Dok A a fol 3 li turi li s-soċjetà intimata Multi Brand Gaming Limited ġiet indikata mill-awtorità kompetenti Ġermaniża bħala persuna li għandha kont ta' taxxa fuq il-valur miżjud fl-ammont ta' tlieta u tletin elf, ħames mija wieħed u għoxrin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€33,521.88).

12. Meta xehed fl-1 ta' Frar 2024 Joseph Attard, Senior Manager fi ħdan il-Kummissarju tat-Taxxi, huwa ikkonferma dik it-talba; kif ukoll li minn dan l-ammont ta' tlieta u tletin elf, ħames mija, wieħed u għoxrin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€ 33,521.88) kien għad ma tħallas xejn.

13. Din il-qorti ħadet ukoll kont tal-każistika lokali f'dan il-qasam tal-infurzar tal-UIPE[1] u tinsab sodisfatta li f'dan il-każ ġew segwiti ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE u l-Avviż Legali 153 tal-2012.

14. Għalhekk wara li eżaminat il-UIPE esebit fol 3, u rat li huwa konformi ma' dak mitlub mid-Direttiva 2010/24/UE, il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent għandha tiġi milqugħa u għandu jiġi ordnat li ssir ir-reġistrazzjoni tad-dokument anness mar-rikors promotur mmarkat bħala Dok A bħala kopja uffiċjali tiegħu, sabiex tagħmel id-dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għas-somma ta' tlieta u tletin elf, ħames mija wieħed u għoxrin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€33,521.88).

# Deċide

**Tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta u tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness mar-rikors promotur Dok A, bħala kopja uffiċjali ta' l-istess biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.**

[1] Ara **Kummissarju tat-Taxxi vs. Yoranne Gale Gabriel Kerignard** (27/2016) deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-23 ta' Mejju 2016; **Kummissarju tat-Taxxi vs. Alain Di Duca** (27/19) deċiża fil-21 ta' Novembru 2019; **Kummissarju tat-Taxxi vs. Marten Erik Jansson** (1028/16) deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fis-17 ta' Mejju 2017; **Kummissarju tat-Taxxi vs. Sascha Clemens Labudda** (5/2018) deċiża fit-13 ta' Lulju 2018 mill-Prim Awla Qorti Ċivili; **Kummissarju tat-Taxxi vs. Roy Iwaniec** (63/19) deċiża fit-3 ta' Marzu 2020 mill-Qorti Ċivili Prim Awla fost l-oħrajn.

**Spejjeż a karigu tas-soċjetà intimata Multi Brand Gaming Limited.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**